MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 510/2000/1

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Mark Vella**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Novembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas s-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm416.92,0) bilanc ta'somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-10 ta' Gunju 1998 sat-23 ta' April 1999;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali;

3. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata s-27 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi fiz-zmien in kwistjoni l-konvenut informa lis-socjeta' attrici li l-mobile telephone tieghu kien intilef, u ghaldaqstant il-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jaghmel uzu minnu kif allegat, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi se mai, s-socjeta' attrici kellha taccerta ruhha li ma jibqax ikun hemm access ghan-numru in kwistjoni la darba sarilha r-rapport (bil-miktub) li t-telephone set kien intilef;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti tinsab sbalordita bil-procedura odjerna stante li hadd mill-partijiet ma ghogbu jressaq xhieda biex jippromwovi l-posizzjoni tieghu skond il-ligi;

Illi ghaldaqstant, stante li mhix pruvata, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi kuntrarjament ghal dak sostenut mill-ewwel Qorti huwa kien ressaq prova dokumentali in sostenn tat-talba tieghu u ghalhekk ma kienetx korretta l-ewwel Qorti meta cahdet it-talba taghha fuq l-assunt tan-nuqqas ta’ provi. Hi tissottometti illi kien il-konvenut li naqas milli jgib provi biex jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu.

Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-appell interpost hu wiehed fondat.

Huwa veru li s-socjeta` appellanti kienet gravata bl-oneru li tipprova f’kull kaz l-allegazzjoni centrali taghha illi l-konvenut kellu jitqies debitur taghha ghas-somma reklamata ghall-uzu tal-mobile phone. Id-disimpenn ta’ dan l-oneru ma kellux necessarjament ifisser illi l-prova riedet issir bilfors permezz ta’ xhieda ‘viva voce’, in kwantu hu mholli fl-ghazla tal-parti illi b’kull mod taghmel uzu minn elementi probatorji ohrajn. Dan ghaliex ukoll fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod. Hekk jinsab proprju dettat fl-Artikolu 558 tal-Kap 12, purke dik il-prova l-ohra tkun rilevanti ghall-kwestjoni fil-kawza bejn il-partijiet. Naturalment l-apprezzament tar-rilevanza tal-provi hu mbaghad imholli fl-ghaqli gudizzju tal-gudikant. Izda certament ma jistax jinghad f’dan il-kaz illi s-socjeta` appellanti naqset “li tressaq xhieda biex tippromwuovi l-posizzjoni taghha”. Mill-atti processwali jirrizulta invece li dan ghamlitu permezz tal-esebit tal-Istatement dettaljat a fol 12.

Terga’ f’dan il-kaz il-konvenut ma iddefendiex ruhu fuq il-presuppost li l-ammont mitlub ma kienx dovut jew ma kienx dovut daqstant. Hu ghazel minflok li jinzel fil-kamp tal-litigazzjoni bl-eccezzjoni illi t-talba attrici kienet infondata ghax hu kien informaha u rraportalha bil-miktub illi l-mobile phone tieghu, fiz-zmien rilevanti, kien intilef u ghalhekk hu ma setax jaghmel uzu minnu.

Din il-linja ta’ difiza kienet certament timponi fuqu prova sodisfacenti dimostrattiva tal-fondament tal-eccezzjoni,

hekk sollevata minnu biex tikkontrasta l-pretiza tal-avversarju. Fin-nuqqas li jaghmel dan issib applikazzjoni r-regola tradizzjonali “reus in excipiendo fit actor”. Dan ghaliex anke konvenut, f’dati cirkostanzi, ghandu l-impenn illi jipprova l-bazi tad-difiza tieghu meta din tkun kontrapposta fuq fatti diversi minn dawk tal-bazi tad-domanda attrici.

Fir-realta` ta’ l-atti processwali f’dan il-kaz din il-Qorti hi perswasa illi s-socjeta` attrici, anke jekk permezz tal-uniku prova taghha a fol 12, iddemostrat il-fatt kostituttiv tal-azzjoni taghha.

Mhux l-istess jista’ jinghad fil-kaz tal-konvenut. Hu ma gabx provi biex jisvinkola ruhu mill-oneru inkombenti fuqu li tabilhaqq, permezz tal-utilizazzjoni gudizzjali tal-prova, juri ghall-konvinciment tal-gudikant illi l-allegazzjoni centrali tal-eccezzjoni tieghu kienet tassew fondata. Dan minimament biex ma jhalliex lill-Qorti fi stat ta’ incertezza fil-formazzjoni tal-gudizzju taghha. Prova din li hu naqas li jaghmel u allura b’gustizzja mal-kontroparti kellu jkun hu li jsib ruhu fi zvantagg. Ma kienx allura gustifikat illi l-ewwel Qorti titfa’ fl-istess qafas iz-zewg posizzjonijiet.

Kien allura konsentit f’dan il-kaz li din il-Qorti ta’ revizjoni tissindika l-apprezzament ta’ l-ewwel Qorti u tasal ukoll ghal konkluzjoni diversa minn dik tal-Qorti inferjuri. Dan qed taghmlu fuq il-konvinciment morali taghha illi l-atti ma kellhomx iwasslu ghall-konkluzjoni li wasslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u b’hekk thassar is-sentenza appellata. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ erba’ mija u sittax-il Lira, tnejn u disghin centezmu (Lm416.92) kif mitlub u ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a karigu tal-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------